KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 7.10.2005
KUMM(2005) 133 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Li tħaffef il-progress lejn il-kisba ta' l-Għanijiet tal-Millenju għall-Iżvilupp - Finanzjament għall-Iżvilupp u Effettività ta' l-Għajnuna

{SEG(2005) 453}
{SEG(2005) 454}

SINTEŻI TA' EŻEKUZZJONI

L-Avveniment ta' Livell Għoli tan-NU (HLE), li se jevalwa b'mod partikolari l-progress miksub fid-Dikjarazzjoni tal-Millenju, inklużi l-Għanijiet għall-Iżvilupp tal-Millennju (MDG), se jinkludi laqgħa distintiva dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp (FfD) u se jitħejja mid-Djalogu ta' Livell Għoli tan-NU dwar l-FfD. Il-kwestjonarju annwali ta' superviżjoni ippreżentat lill-Istati Membri f'Ottubru 2004 ikkunsidra dawn iċ-ċirkostanzi fil-formolazzjoni tal-mistoqsijiet speċifiċi.

Imsejsa fuq it-tweġibiet mill-Istati Membri (SM) il-Kummissjoni: (1) tipprovdi aġġornament dwar il-progress fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tat-tmien "Impennji ta' Barċellona" li l-UE daħlet għalihom fil-Konferenza ta' Monterrey dwar il-Finanzjament (FfD) fl-2002, (2) tevalwa liema minnhom għandhom jiġġeddu (Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA), sorsi innovattivi ta' finanzjament, għajnuna għal-ħlas tad-dejn) u fejn il-progress fi ħdan l-Unjoni Ewropea jew fl-arena internazzjonali jiġġustifika reviżjoni ta' impennji (koordinazzjoni, Ġid Pubbliku Dinji (GPG)), u (3) tippreżenta proposti konkreti għal impennji ġodda ta' l-UE.

L-impennji oriġinali fir-rigward tal-volum ta' l-ODA, il-koordinazzjoni tal-politika u l-armonizzazzjoni tal-proċeduri, l-ħelsien ta' l-għajnuna mill-irbit, l-Għajnuna Marbuta mal-Kummerċ (TRA) u l-għajnuna għall-ħlas tad-dejn jistgħu jintlaħqu fl-2006, u forsi għalhekk wasal il-waqt li jitqiesu impennji ġodda konkreti għaż-żmien ta' wara dan. Il-progress preżenti tax-xogħol fuq il-GPG u Sorsi Innovvattivi ta' Finanzjament ikunu jistgħu jiġġustifikaw il-konsiderazzjoni ta' impennji aktar konkreti. Minħabba l-qagħda tad-diskussjonijiet dwar ir-riforma tas-Sistema Internazzjonali tal-Finanzi, huwa improbabbli li jintlaħqu r-riżultati mixtieqa sa l-2006.

Il-Komunikazzjoni tiġbor fil-qosor strateġija lejn mira temporanja ġdida possibbli għal volumi miżjuda ta' ODA fl-UE sa l-2010 u lejn il-mira tan-NU għal ODA ta' 0.7% Dħul Gross Domestiku (GNI) sa l-2015. Hija tissuġġerixxi modalitajiet ġodda għall-għajnuna, kif ukoll linja dwar sorsi ta' finanzjament innovattivi u tipproponi modi ta' kif għandhom jiġu indirizzati l-problemi ta' dejn ta' wara l-HIPC li jibqgħu fil-pajjiżi bi dħul baxx. Rigward il-GPG hija tissuġġerixxi d-definizzjoni mill-ġdid ta' l-impenn ta' l-UE. Dwar il-koordinazzjoni u l-armonizzazzjoni, l-isfida ewlenija quddiemna tinsab fl-implimentazzjoni kredibbli tal-qafas ta' l-UE li dwaru ntlaħaq ftehim dan l-aħħar, kif ukoll tar-riżultati tal-Forum ta' Livell Għoli riċenti dwar l-effikaċja ta' l-għajnuna u passi konkreti 'l quddiem dwar il-komplementarjetà fit-twassil ta' l-għajnuna. L-impenn fir-riforma tas-Sistema Finanzjarja Internazzjonali jeħtieġ li jissaħħaħ.

1. SFOND: IL-KUNSENS TA' MONTERREY, IL-KONTRIBUT TA' L-UE U L-MIXJA 'L QUDDIEM

Il-Konferenza dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp f'Monterrey indirizzat iż-żewġ kwistjonijiet tal-"mezzi" meħtieġa (jiġifieri finanzjament) u l-aktar "modi" effettivi (jiġifieri l-effettività ta' l-għajnuna) għall-kisba ta' miri għall-iżvilupp miftehma internazzjonalment inklużi l-għanijiet tad-Dikjarazzjoni tal-Millenju. Dawn huma żewġ għanijiet li jsaħħu reċiprokament lill-xulxin, u għandu jsir progress fit-tnejn li huma. L-UE kkontribwiet għar-

riżultat pożittiv tal-Konferenza ta' Monterrey, permezz ta' l-hekk imsejħa "Impennji ta' Barċellona[1]" magħmula minn:

- *Impennji fir-rigward tal-volumi u s-sorsi ta' l-ODA* - volumi miżjuda ta' l-ODA, sorsi innovattivi ta' finanzjament, inizjattivi fir-rigward tal-GPG u għajnuna għall-ħlas tad-dejn għal Pajjiżi Foqra b' Dejn Kbir (HIPC);

- *Impennji dwar l-effettività ta' l-għajnuna* - koordinazzjoni aktar mill-qrib ta' politika u ta' armonizzazzjoni ta' proċeduri, il-ħelsien ta' l-għajnuna mill-irbit, għajnuna marbuta mal-kummerċ (TRA), ir-riforma tas-Sistema Finanzjarja Internazzjonali.

Il-Kunsill ħatar lill-Kummissjoni bis-sorveljanza ta' l-implimentazzjoni ta' l-impennji. Ir-rapport ta' l-2003 ikkontribwixxa għat-tħejjijiet għall-ewwel Djalogu ta' Livell Għoli tan-NU dwar l-FfD f'Ottubru ta' l-2003[2]. Ir-rapport ta' l-2004[3] fetaħ it-triq għar-rapport ta' l-UE "*Progress fil-koordinazzjoni, fl-armonizzazzjoni u l-allinjament: Il-kontribut ta' l-UE*", approvat mill-Kunsill, f'Novembru 2004[4], li fforma kontribut sostanzjali għall-Forum ta' Livell Għoli II (HLF II) f'Pariġi f'Marzu 2005.

Fost l-isfidi ewlenin għall-HLE, li lilhom l-UE mistennija tagħti kontribut sostanzjali, hemm (i) qabża persistenti fil-finanzjament, (ii) l-użu effettiv ta' l-ODA u (iii) il-piż kontinwu tad-dejn mhux sostenibbli fuq ħafna pajjiżi foqra.

Deskrizzjoni dettaljata tal-qagħda tal-progress fl-implimentazzjoni ta' l-impennji ta' l-UE tidher f'Dokument separat tal-Ħidma tal-Personal[5].

2. L-IMPENN SABIEX JIŻDIEDU R-RIŻORSI FINANZJARJI GĦALL-ODA

2.1. Il-ħidma ta' l-UE fl-2003

Fit-termini tar-relazzjoni ODA/GNA, l-impenn ta' Barċellona jistipula livell ta' bażi individwali pre-stabbilit ta' 0.33% għal kull Stat Membru li jikkontribwixxi sabiex jilħaq il-livell pre-stabbilit kollettiv ta' l-UE ta' 0.39% sa l-2006. Fl-2003, l-UE laħqet medja ta' 0.34 % ta' ODA/GNI. Dan huwa aktar mill-medja għall-pajjiżi ta' l-OECD/DAC (minbarra għan-Norveġja u l-Iżvizera). Għaxar Stati Membri kisbu jew iddikjaraw l-impenn tagħhom li jiksbu 0.7% ta' l-ODA/GNI. Tnaqqis ta' l-ODA fl-Awstrija, id-Danimarka, l-Irlanda, Spanja, l-Iżvezja u l-Italja li ġie nnutat fl-2003 huwa parzjalment konsegwenza ta' żiediet eċċezzjonali ta' l-ODA fl-2002 minħabba sforzi speċjali marbuta ma' l-għajnuna għall-ħlas tad-dejn.

---

1 Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-14 ta' Marzu 2002 dwar il-Konferenza tan-NU dwar l-FfD (Monterrey), ara l-Anness 1.


2 SEG(2003) 569, tal-15.5.2003.

3 KUMM(2004)150 tal-5.3.2004.

4 Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-GAERC tat-22-23.11.2004; 14724/04 (Presse 325) p. 37, ara l-Anness 2.


5 Dokument ta' Ħidma tal-Personal SEG(2005) 453: azzjoni ta' segwitu ta' l-UE għall-"Impennji ta' Barċellona" u l-operazzjonalizzazzjoni tal-Kunsens ta' Monterrey.

Dijagramma 1: Livelli ODA ta' l-UE skond l-Istati Membri fl-2003



Sors tad-data: Rapport annwali OECD/DAC 2004, annessi statistiċi.

Dijagramma 2: kontributi ODA/GNI fl-2003: L-UE mqabbla ma' Membri oħra tad-DAC



Sors tad-data: Rapport annwali OECD/DAC 2004, annessi statistiċi.


F'termini ta' volum attwali, l-ODA żdied fl-2003 fi 12-il Stat Membru meta mqabbel ma' l-2002[6]. Il-flussi ta' l-ODA ta' l-UE-25 żdiedu minn €28.4 biljun fl-2002 għal €33 biljun fl-2003, li jirrappreżentaw €4.6 biljun addizzjonali fis-sena. L-Istati Membri l-ġodda żiedu l-kontribut kollettiv tagħhom bi 53% f'termini reali.

Filwaqt li l-flussi ta' l-ODA żdiedu, proporzjon imdaqqas taż-żieda huwa sforz ta' operazzjonijiet ta' għajnuna għall-ħlas tad-dejn. Hemm għalhekk nuqqas ta' aderenza mal-ħsieb wara l-kunsens ta' Monterrey, fejn kien indikat li l-inizjattiva ta' l-HIPC "għandha tkun iffinanzjata kollha kemm hi permezz ta' riżorsi addizzjonali". F'dan ir-rigward, l-effett u l-impatt ta' l-isforzi marbuta ma' l-għajnuna għall-ħlas tad-dejn fuq il-flussi ta' l-ODA, bħalma

[6] Fil-Belġju (b'62.9%,), fi Franza (bi 30.5%), fl-Iżvezja (b'27.6%), fil-Lussemburgu (b'26.3%), fir-Renju Unit (bi 23.4%), fl-Irlanda (bi 18.3%), fil-Ġermanja (bi 18.1%), fil-Ġreċja (b'14.4%), fi Spanja (bi 13.7%), fil-Finlandja (bi 11.7%), fl-Olanda (b'9.9%) u fil-Portugall (b'5.7%).

kien dak ta' l-Iraq se jkollhom jiġu studjati bir-reqqa. Barra dan, huwa importanti li dibattiti dwar id-definizzjoni ta' l-ODA ma jxekklux il-kredibilità u l-kejl ta' l-impenn tad-donaturi li sar f'Monterrey.

Dijagramma 3: Flussi ODA u għajnuna għall-ħlas tad-dejn mill-UE 2002-2003



Sors tad-data: Rapport annwali OECD/DAC 2004, annessi statistiċi.

2.2. Il-perspettiva ODA għall-2006

Jekk l-impennji mill-Istati Membri huma kkonfermati biż-żmien, l-EU kollettivament tilħaq livell ta' ODA ta' 0.42% tal-GNI fl-2006 – li jirrappreżenta allokazzjoni potenzjali ta' €46.5 biljun fis-sena. F'dan il-kuntest, il-livell baxx ta' l-ODA Taljan jibqa' ta' tħassib partikolari.

Tabella 1: Livelli ta' ODA mill-UE 2003-2006

	2003		2006	
	ODA € ml	GNI %	ODA € ml	GNI %
Austria	447	0,2	814	0,33
Belgium	1640	0,6	1568	0,5
Cyprus	2	0,02	3	0,02
Czech Republik	80	0,11	125	0,133
Denmark	1547	0,84	1716	0,82
Estonia	1	0,013	2	0,02
Finland	494	0,35	672	0,42
France	6420	0,41	8284	0,47
Germany	6005	0,28	7565	0,33
Greece	320	0,21	616	0,33
Hungary	19	0,03	27	0,03
Ireland	446	0,39	856	0,61
Italy	2153	0,17	4795	0,33
Latvia	1	0,008	5	0,037
Lithuania	2	0,01	14	0,07
Luxembourg	172	0,81	223	0,9
Malta	3	0,07	9	0,18
The Netherlands	3524	0,8	3947	0,8
Poland	24	0,01	227	0,1
Portugal	283	0,22	479	0,33
Slovak Republic	13	0,05	33	0,092
Slovenia	20	0,1	29	0,1
Spain	1736	0,23	3288	0,37
Sweden	2124	0,79	2819	1
UK	5560	0,34	8146	0,42
EU 15 TOTAL	**32871**	**0,35**	**45788**	**0,43**
EU 10 Total	165	0,04	474	0,09
EU 25 TOTAL	**33036**	**0,34**	**46262**	**0,42**

OECD/DAC 2004, annessi statistiċi u tweġibiet ta' l-Istati Membri ta' l-UE għall-kwestjonarju ta' Monterrey

2.3. Mira temporanja ġdida għall-2010

Il-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2004 ikkonferma l-impenn ta' l-UE fir-rigward ta' l-MDGs u awtorizza lill-Kummissjoni biex tippreżenta lill-Kunsill "*proposti konkreti dwar l-istabbiliment ta' miri ġodda u xierqa ta' l-ODA għall-perjodu 2009-2010, filwaqt li titqies il-qagħda ta' l-Istati Membri l-ġodda".*

Il-Kummissjoni tissuġġerixxi li jiġu stabbiliti żewġ miri minsuġa flimkien li għandhom jintlaħqu sa l-2010:

(1) limitu individwali għall-Istati Membri, li jiddistingwi bejn dawk li diġà kienu membri ta' l-UE fl-2002 (l-impennji ta' Barċellona–l-UE15) u dawk li ssieħbu aktar tard (l-UE10);

(2) medja kollettiva għall-Istati Membri kollha (l-UE25).

Dawn il-miri għandhom ikunu ambizzjużi biżżejjed biex jiżguraw kredibbilment il-possibilità li **jintlaħaq iż-0.7% sa l-2015**. B'koformità mat-talba tal-Kunsill biex tiġi stipulata "*mira ġdida u xierqa*" dan ifisser li **wieħed jasal sa nofs triq sa' l-2010** biex jimtela n-nuqqas. Imsejsa fuq l-istrateġija użata għall-impennji ta' Barċellona fl-2002, il-Kummissjoni tipproponi

(1) lil kull Stat Membru li kellu sehem fl-Impennji ta' Barċellona (UE15) li għadu 'l isfel mil-linja bażi li ġejja, biex iżid l-ODA **għal-linja ta' bażi individwali l-ġdida ta' (0.51)%** ta' l-ODA/GNI.

(2) lill-Istati Membri li ssieħbu wara l-2002 **(l-UE10**) biex jilħqu linja **bażi individwali ta' (0.17)%** fl-ODA/GNI fl-2010, biex b'hekk ikunu laħqu l-punt fokali lejn "l-*acquis* ta' Barċellona" ta' 0.33% fl-2015.

Iċ-ċifra ta' 0.51% fl-2010 tirrappreżenta l-punt fokali bejn iż-0.33% fl-2006 u ż-0.7% fl-2015. Il-proposta se tiżgura qsim ġust ta' piżijiet bejn l-Istati Membri u se tirriżulta f'**medja kollettiva ta' (0.56)%** (UE 25), li tqajjem stima ta' €20 biljun addizzjonali sa' l-2010.

Tabella 2 (revised): Proposta għal miri ġodda ta' l-UE ODA 2006-2010

	2006		2010		GAP 2010-2015	
	ODA €ml	%GNI	ODA €ml	%GNI	ODA €ml	%GNI
Austria	813,5054	0,33	1360,872	0,51	538,2346	0,19
Belgium	1567,99	0,5	2376,14	0,7	0	0
Cyprus	2,773301	0,02	25,51623	0,17	25,4952	0,16
Czech Republik	124,9292	0,133	172,847	0,17	0	
Denmark	1716,347	0,82	1789,86	0,79	0	0
Estonia	1,963152	0,02	18,06232	0,17	18,04743	0,16
Finland	671,9009	0,42	1212,145	0,7	0	0
France	8283,897	0,47	12210,05	0,64	1215,233	0,06
Germany	7565,331	0,33	12655,66	0,51	5005,403	0,19
Greece	616,4509	0,33	1031,23	0,51	407,8586	0,19
Hungary	26,48715	0,03	162,4664	0,17	162,3325	0,16
Ireland	855,8221	0,61	1063,047	0,7	0	0
Italy	4794,862	0,33	8021,083	0,51	3172,395	0,19
Latvia	5,189312	0,037	25,8082	0,17	25,78692	0,16
Lithuania	14,41453	0,07	37,8924	0,17	37,86117	0,16
Luxembourg	223,2018	0,9	241,6008	0,9	0	0
Malta	8,79661	0,18	9,521734	0,18	8,423752	0,15
The Netherlands	3946,952	0,8	4272,308	0,8	0	0
Poland	227,1215	0,1	417,9342	0,17	417,5897	0,16
Portugal	479,0306	0,33	801,3463	0,51	316,9381	0,19
Slovak Republic	33,18513	0,092	66,37512	0,17	66,32041	0,16
Slovenia	29,31612	0,1	53,94561	0,17	53,90115	0,16
Spain	3288,282	0,37	5194,716	0,54	1634,025	0,16
Sweden	2818,721	1	3051,074	1	0	0
UK	8145,778	0,42	10706,66	0,51	4234,561	0,19
EU 15 TOTAL	**45788,07**	**0,43%**	**65987,8**	**0,58%**	**16524,65**	**0,12%**
EU 10 Total	**474,176**	**0,09%**	**990,3692**	**0,17%**	**815,7582**	**0,16%**
EU 25 TOTAL	**46262,25**	**0,42%**	**66978,17**	**0,56%**	**17340,41**	**0,14%**

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tistaqsi lill-Kunsill biex:

- **ikompli l-isforzi** biex l-impenn ODA ta' Barċellona jitwettaq; jitlob lil dawk mill-UE-15 li għadhom m'għamlux hekk, biex jistabbilixxu, sa l-2006, skeda soda biex tinkiseb il-mira ta' l-ODA/GNI tan-NU ta' 0.7%;

- **isejjaħ lill-Istati Membri** li ssieħbu ma' l-Unjoni wara l-impennji ta' Barċellona (Marzu 2002) (UE 10) biex jistabbilixxu skeda soda biex jilħqu "l-*acquis* ta' Barċellona" sa' l-2015;

- jiżgura li aktar żviluppi fil-qasam ta' l-**għajnuna għall-ħlas tad-dejn** minn naħa waħda, u bidliet fid-**definizzjoni ta' l-ODA** min-naħa l-oħra, ma jxekklux il-kredibbiltà ta' l-impennji li saru f' Monterrey;

- jaqbel mal-miri ġodda proposti individwali u dawk kollettivi intermedjarji għall-2010.

3. EFFIKAĊJA TA' L-GĦAJNUNA: KOORDINAZZJONI, KOMPLEMENTARJETÀ

Azzjonijiet biex itejbu l-effikaċja ta' l-ODA ikunu jistgħu jnaqqsu l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet, jiżguraw valur aħjar għall-flus u jippermettu għal impennji fuq medda ta' żmien itwal, li kollha kemm huma jfissru d-disponibilità ta' iżjed riżorsi għall-azzjoni fil-pajjiżi benefiċjarji. Il-maġġoranza ta' l-Istati Membri rriformaw il-mod kif jipprijoritizzaw, jorganizzaw u jimplimentaw l-għajnuna esterna tagħhom. Ir-riforma tal-Kummissjoni nnifisha bdiet tara l-frott tagħha u se tissokta b'dan, *inter alia* permezz tas-simplifikazzjoni ta' strumenti għall-għajnuna esterna, li bħalissa qed tiġi diskussa fil-kuntest tal-Perspettivi Finanzjarji 2007 – 2013.

Il-proċess internazzjonali dwar il-koordinazzjoni rċeva impetu qawwi permezz tat-tieni Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja ta' l-Għajnuna (HLF II) ta' Pariġi f'Marzu 2005, li jipprovdi aġenda komprensiva għall-implimentazzjoni immedjata: Id-donaturi internazzjonali u l-pajjiżi benefiċjarji ta' l-għajnuna qablu dwar impennji li għandhom x'jaqsmu ma' pussess, allinjament, armonizzazzjoni, tmexxija għall-kisba ta' riżultati aħjar u kontabilità reċiproka[7]. Fid-dawl ta' l-HLF II, l-UE adottat qafas komprensiv b'għanijiet marbutin ma' perjodu ta' żmien bħala l-kontribut tagħha għall-Forum[8] Il-qafas huwa msejjes fuq il-Konklużjonijiet tal-Kunsill f'Novembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni. Barra minn hekk, l-UE impenjat ruħha f'Pariġi għal miri konkreti addizzjonali, b'mod partikolari biex: (1) tipprovdi l-għajnuna għal bini tal-kapaċità permezz ta' programmi kkoordinati b'użu akbar ta' arranġamenti ta' multi-donaturi, (2) tgħaddi 50% ta' l-għajnuna governattiva permezz tas-sistemi nazzjonali, (3) tevita l-ħolqien ta' unitajiet għall-implimentazzjoni ta' proġetti ġodda ,(4) tirdoppja l-perċentwal ta' l-għajnuna pprovduta permezz ta' appoġġ mill-baġit jew arranġamenti fis-setturi, u (5) tnaqqas l-għadd ta' missjonijiet mhux koordinati b'50%. Dawn l-impennji jridu jiġu implimentati gradwalment sas-sena 2010.

---

[7] Id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effikaċja ta' l-Għajnuna, Forum ta' Livell Għoli, Pariġi it-28.3.2005.

[8] Ara l-Anness 2. Dawn il-konklużjonijiet huma msejsa fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc ta' l-UE dwar l-armonizzazzjoni. Huma deskritti fit-tul fit-Dokument ta' Ħidma tal-Personal.

Madankollu, il-progress għadu mhuwiex imħaffef biżżejjed u d-diskrepanzi bejn impennji politiċi u implimentazzjoni konkreta jissoktaw. F'ħafna oqsma li huma politikament sensittivi, fejn huma involuti interessi vitali (jiġifieri l-immigrazzjoni, ir-riċerka) l-UE taġixxi b'mod ħafna aktar ikkoordinat fl-istrateġija tagħha milli fl-għajnuna għall-iżvilupp. Dan huwa paradoss f'qasam fejn l-UE tipprovdi l-ogħla sehem ta' l-ODA fid-dinja (55%) u fejn sejħiet għas-solidarjetà u rispons kollettiv isiru ta' sikwit.

Ukoll f'oqsma diffiċli, li fil-biċċa l-kbira għadhom intergovernattivi, bħalma hija l-politika barranija u dik tas-sigurtà, l-UE rnexxielha tadotta l-bażi għal azzjonijiet komuni (Strateġija Ewropea għas-Sigurtà). Huwa diffiċli li wieħed jifhem li fil-kuntest deskritt hawn fuq, qasam ta' politika bħalma huwa l-iżvilupp, ikkontrollat minn regoli preċiżi tat-Trattat (ta' Nizza jew il-Kostituzzjoni) ma mexiex aktar 'il quddiem. Biex ittejjeb, timplimenta u tissorvelja l-koordinazzjoni u l-kumplimentarjetà tagħha, l-UE għandha tfittex qbil dwar Strateġija għall-Iżvilupp Ewropea jew dwar qafas ta' prinċipji u regoli ta' gwida biex l-ammont kbir ta' għajnuna tagħha jsir aktar effettiv u ġenwinament "Ewropew". Jeżistu diversi mudelli ta' oqfsa flessibbli u jistgħu jiġu adattati faċilment. Aħna naqsmu għanijiet komuni (MDGs), u qbilna dwar il-mezzi u ċerti punti ta' riferiment. Jeħtieġ li l-UE tifformalizza dan il-qafas u l-modalitajiet operattivi tiegħu. Fejn l-UE għandha valur miżjud bħala attur kollettiv, l-għajnuna tal-Komunità għandu jkollha - kif inhu l-każ f'oqsma oħra ta' politika - rwol katalitiku permezz ta' modalitajiet operattivi mtejba bħalma huma l-finanzjament bi sħab u l-kooperazzjoni istituzzjonali. L-Atlas tad-Donaturi ta' l-UE identifika oqsma ta' frammentazzjoni, qabżiet u duplikazzjoni fost id-donaturi. Qabża fil-kwalità tinħtieġ fl-implimentazzjoni tal-kunċett tal-qsim tax-xogħol li għandu jkun indirizzat permezz ta' kumplimentarjetà operazzjonali mtejba. Il-Programmar multi-annwali konġunt ta' l-UE, kif imsemmi fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill (ADWPH), se jgħin fil-qsim tax-xogħol bħal dan f'livell ta' pajjiżi.

Huwa essenzjali li l-isforzi fil-ġejjieni għat-titjib tal-koordinazzjoni u l-kumplimentarjetà jkopru wkoll il-kontribut tas-settur privat, kif ukoll l-atturi tas-soċjetà ċivili.

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill biex:

- Jissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Konklużjonjiet tal-Kunsill ta' Novembru 2004.

- Jagħti bidu għal diskussjoni dwar l-istabbiliment ta' qafas volontarju ta' l-UE għall-għajnuna għall-iżvilupp imsejjes fuq metodu miftuħ ta' koordinazzjoni li jippermetti l-użu flimkien tal-kompetenza Komunitarja u ta' l-impriżi nazzjonali.

- Jikkunsidra rapport regolari dwar l-Istat ta' l-Unjoni fuq l-effettività ta' l-għajnuna mħejji mill-Kummissjoni flimkien ma' l-Istati Membri.

- Jagħti bidu għal dibattitu operazzjonali dwar il-kumplimentarjetà, b'mod partikolari dwar il-qsim tax-xogħol f'livell ta' pajjiżi, fil-kuntest ta' dokumenti multiannwali ta' l-ipprogrammar.

4. IL-ĦELSIEN TA' L-GĦAJNUNA MILL-IRBIT

Kif miftiehem f'Barcellona, l-Unjoni Ewropea għamlet progress sinifikanti biex tiżgura "valur aħjar għall-flus" mill-ODA tagħha. L-Istati Membri ħelsu l-għajnuna tagħhom lill-LDCs mill-

irbit, kif mitlub mir-Rakkomandazzjoni tad-DAC. Minbarra dan, il-maġġoranza tagħhom qegħdin dejjem aktar jeħilsu l-għajnuna tagħhom mill-irbit. Proposti għall-ħelsien ta' l-għajnuna tal-KE mill-irbit bħalissa għaddejjin mill-proċess leġiżlattiv. L-UE qiegħda ssegwi wkoll bidliet konkorrenti għall-Anness IV tal-Ftehim ta' Cotonou.

Il-Kummissjoni tinnota li r-regoli tas-Suq Uniku u tal-kompetizzjoni tal-KE japplikaw għall-kisba ta' għajnuna mill-Istati Membri għall-iżvilupp u se tiżgura b'mod attiv il-ħidma tas-Suq Uniku. Minbarra dan, żewġ studji kkumissjonati mill-OECD/DAC u l-Kummissjoni urew ukoll il-benefiċċju miżjud u l-impatt pożittiv ta' aktar ħelsien ta' l-għajnuna mill-irbit.

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill biex:

- Ilesti malajr ix-xogħol dwar il-**proposta għal Regolament** tal-Kummissjoni dwar il-ħelsien ta' l-għajnuna mill-irbit.

- Jappoġġa d-dibattiti kurrenti f'livell internazzjonali dwar **aktar ħelsien mill-irbit** ta' l-għajnuna lil hinn mir-Rakkomandazzjonijiet tad-DAC, b'enfasi speċifika fuq l-għajnuna għall-ikel, l-għajnuna għat-trasport ta' l-ikel u l-aċċess lill-pajjiżi benefiċjarji għall-għajnuna mid-donaturi.

5. GĦAJNUNA MARBUTA MAL-KUMMERĊ (TRA)

L-UE hija l-akbar kontributur għall-inizjattivi tat-TRA madwar id-dinja kollha[9], u tipprovdi kważi 50% jew €1 biljun fis-sena., fosthom għal programmi multi-donaturi ewlenin bħalma huma l-Qafas Integrat għall-Pajjiżi l-Inqas Żviluppati (LDC) u l-Fond Fiduzjarju Globali ta' Doha. B'hekk, f'termini kwantitattivi, l-UE miexja fit-triq it-tajba fit-twettiq ta' l-impenn tagħha ta' l-2002.

L-isfida tikkonsisti f'aktar titjib fil-kwalità u fl-effettività tat-TRA u fir-rispons għal ħtiġijiet ġodda. F'dan il-kuntest, il-KE u ċerti Stati Membri evalwaw l-attivitajiet rispettivi tagħhom tat-TRA fl-2004[10]. Sejbiet ewlenin jinkludu li t-TRA (1) rriżulta f'tagħlim imtejjeb ta' kwistjonijiet marbuta mal-kummerċ fil-pajjiżi msieħba u li kkontribwixxa għal titjib tar-riżultati fil-qasam ta' l-esportazzjoni u tal-produttività ta' intrapriżi lokali; (2) jeħtieġ li jkun imsejjes fuq evalwazzjonijiet komprensivi tal-ħtiġijiet, użati minn gvernijiet benefiċjarji u mid-donaturi kollha; (3) għandu jkunu aktar flessibbli biex jadatta għas-sitwazzjonijiet li jinbidlu malajr.

Il-koordinazzjoni ta' l-ippjanar tat-TRA u twassil effettiv tiegħu fl-UE u fil-komunità usa' tad-donaturi għandha tkun punt fokali għall-ġejjieni. Ix-xogħol fil-Grupp Informali ta' Esperti ta' l-UE dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp u l-kontribut siewi għax-xogħol ta' l-OECD/DAC dwar is-superviżjoni huma passi f'din id-direzzjoni. Evalwazzjoni konġunta hija ppjanata għall-2005 biex tħares lejn il-koordinazzjoni ta' l-UE fil-qasam tat-TRA.

---

9 Kif irrappurtat fid-Database tal-Bini ta' Kapaċità fil-Kummerċ ta' l-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp (TCBDB). L-UE tipprovdi madwar 50% tat-TRA madwar id-dinja. Il-parti l-kbira tiġi mill-KE, li allokat medja ta' €700 miljun/sena lit-TRA mill-2001. Fost l-Istati Membri, l-istampa hija varjata: xi wħud żiedu l-appoġġ tagħhom għat-TRA.

10 UK (evalwazzjoni DFID tat-TRA), l-NL u D.

Hemm kunsens li qiegħed jikber li ħafna mill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw se jħabbtu wiċċhom ma' spejjeż ta' aġġustament sinifikattivi biex ilaħħqu ma' l-isfida ta' integrazzjoni fis-sistema tal-kummerċ multilaterali, u biex igawdu mill-benefiċċji tat-tkabbir fil-liberalizzazzjoni tal-kummerċ, miksuba permezz tan-negozjati tad-WTO ta' l-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp. L-aġġustament ekonomiku bbażat fuq il-kummerċ u t-tkabbir se jinkisbu biss permezz ta' żieda sostanzjali fil-finanzjament għat-TRA u l-offerta msaħħa. Il-Kummissjoni se tfittex li tistabbilixxi faċilità speċjali li tkun tista' tuża s-sorsi innovattivi tal-finanzi, biex tgħin b'mod partikolari fil-kisba ta' l-għanijiet li tgħaqqad lill-Afrika fl-infrastruttura u l-kummerċ.

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, l-UE tistieden lill-Kunsill biex jaqbel li:

- **Jtejjeb il-koordinazzjoni ta' l-UE** (1) kemm fuq livell ta' Kwartieri Ġenerali kif ukoll dak lokali, li jinvolvu lill-pajjiż/reġjun benefiċjarju u donaturi ewlenin oħra u (2) dwar il-kontribut ta' l-UE lejn inizjattivi internazzjonali usa', bħalma huwa l-Qafas Integrat għal-LDC. Toroq eżistenti ta' koordinazzjoni, pereżempju l-Grupp Espert għall-Kummerċ u l-Iżvilupp ta' l-UE , jistgħu jintużaw. Dan jinkludi l-**iskambju ta' tagħrif intensifikat** għall-ippjanar tat-TRA u t-twettiq u l-iskambju ta' "l-aħjar prassi".

- **Isaħħaħ id-djalogu mal-pajjiżi benefiċjarji** biex jiżgura li jintegraw il-politika tal-kummerċ fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom għat-tnaqqis tal-faqar u dawk għall-iżvilupp.

- Itejjeb il-programmazzjoni tat-TRA billi jitwettqu l-**evalwazzjonijiet sistematiċi tal-ħtiġijiet kummerċjali**, fejn xieraq u kif miftiehem mal-pajjiżi msieħba;

- Jiżgura programmi tat-TRA aktar flessibbli li jistgħu jadattaw għas-sitwazzjonijiet li qegħdin jinbidlu (bħal pereżempju kif se jiġu ttrattati l-kwistjonijiet sanitarji/fito-sanitarji) u li jinvolvu **metodi ta' twettiq ġodda**, pereżempju l-appoġġ fil-bajt u fis-settur biex (1) jiffaċilita l-aġġustament – inkluża d-dimenzjoni soċjali – sar-riformi fil-politika tal-kummerċ (2) biex jissaħħaħ is-settur produttiv, (3) jappoġġa l-mekkaniżmi tas-sigurtà soċjali biex jiġu mħarsa l-foqra u (4) jippromwovi li l-oqfsa tal-politika tal-kummerċ u ta' l-ambjent huma ta' appoġġ reċiproku u diretti lejn żvilupp sostenibbli.

- Jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-aġġustament u l-integrazzjoni tal-kummerċ fid-dawl ta' l-ispejjeż għolja mistennija ta' l-integrazzjoni fil-kummerċ li jħabbtu wiċċhom il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw.

- Jeżamina l-ambitu għall-**finanzjament ta' inizjattivi orizzontali tat-TRA** biex ikun ipprovdut appoġġ aktar effettiv tul ir-reġjuni ġeografiċi jew l-involviment ta' aġenziji multilaterali.

6. ĠID PUBBLIKU DINJI

Fl-2003, Franza u l-Iżvezja waqqfu **Task Force (TF)** internazzjonali **għall-Ġid Pubbliku Dinji**. Kienu involuti wkoll partjiet interessati permezz tal-**Grupp ta' Ħbieb tat-Task Force**. Mill-kwestjonarju ta' Monterrey, jidher li għaxar Stati Membri ta' l-UE u l-Kummissjoni

huma involuti attivament fit-taħdita. Ir-Rapport Finali għandu jinkludi Pjan ta' Azzjoni marbut biż-żmien u b'rendikont ta' l-ispejjeż ipproġettat biex tissaħħaħ il-kisba tas-sitt GPGs.

Jidher li hemm kunsens emerġenti fost l-Istati Membri (1) rigward id-**definizzjoni tal-ġid pubbliku internazzjonali (IPG)** u r-rilevanza tas-sitt prijoritajiet magħżulin għal azzjoni msaħħa: il-kummerċ, it-tagħrif, il-paċi u s-sigurtà, l-istabbiltà finanzjarja, il-komuni globali u l-qerda tal-mard li jittieħed; (2) li għandu x'jaqsam mad-disponibilità li jkun eżaminat il-Pjan ta' Azzjoni bil-għan li tiġi stabbilita pjattaforma komuni għall-provvista u l-finanzjament ta' l-IGGs, u (3) dwar il-prinċipju li l-IPGs għandhom ikunu ffinanzjati biss minn ODA eżistenti jekk il-provvista tagħhom hija marbuta ma' l-Għanijiet ta' l-Iżvilupp tal-Millenju, mat-tliet pilastri ta' l-iżvilupp sostenibbli u ma' għanijiet miftehma oħrajn dwar l-iżvilupp.

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill biex:

- Jeżamina l-pjan ta' azzjoni li ġej tat-*Task Force* fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni għal pjattaforma komuni ta' l-UE għall-provvista u l-finanzjament ta' l-IPGs;

- Jaqbel dwar liema IPGs jikklassifikaw barra l-ambitu ta' l-iżvilupp u għandhom għalhekk ikunu ffinanzjati minn sorsi ta' finanzjament li mhumiex ODA fil-baġits nazzjonali tagħhom;

- Jaġġorna l-Impenn ta' Barċellona kif ġej: biex tiżdied il-ħidma lejn aktar azzjoni multilaterali kollettiva biex tittejjeb il-provvista fil-prijorità tal-Ġid Pubbliku Internazzjonali, billi jingħata bidu għall-istabbiliment ta' Pjan ta' Azzjoni fuq il-livell ta' l-UE, sa l-2006.

7. SORSI INNOVATTIVI TA' FINANZJAMENT U MEKKANIŻMI ĠODDA TA' TWASSIL

Il-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2004 qabel li "jesplora metodi innovattivi ta' finanzjament" u talab lill-Kummissjoni biex tressaq proposti rilevanti b'ħarsa lejn l-HLE.

Għajnuna sinifikament akbar hija meħtieġa jekk il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw għandhom jilħqu l-MDGs. Flimkien ma' miri ġodda u xierqa għall-ODA għall-2010, li għandhom jibqgħu l-ogħla prijorità għall-UE, l-UE jeħtiġilha tiddefinixxi l-pożizzjoni tagħha fit-taħdita internazzjonali dwar is-sorsi innovattivi. Madankollu, dan m'għandux jittardja l-azzjoni fir-rigward taż-żieda tas-sorsi tradizzjonali tal-finanzi.

L-għan tat-tħejjija ta' sorsi addizzjonali u aktar stabbli ta' finanzi għandu jservi ta' gwida fit-taħdita dwar sorsi finanzjarji innovattivi u modalitajiet ta' l-għajnuna u għandu, fit-terminu medju, iwassal għall-provvista ta' finanzjament li jista jitbassar - xi ħaġa bħar-"riżorsi proprji" għall-iżvilupp.

Diversi Stati Membri kienu involuti fl-esplorazzjoni ta' tipi varji ta' mekkaniżmi ġodda u innovattivi ta' finanzjament, li minnhom l-aktar proposti prominenti huma:

- l-proposta tar-Renju Unit li jkunu "**antiċipati" iż-żiediet imwiegħda ta' l-għajnuna** permezz ta' "**Faċilità Internazzjonali ta' Finanzjament" (l-IFF**);

- **sensiela ta' proposti għat-tassazzjoni internazzjonali** li jinsabu fir-Rapport ta' Landau" u l-ħidma tal-"Grupp ta' Lula" li jinkludi l-Presidenti tal-Brażil, taċ-Ċili, ta' Franza u l-Prim Ministru ta' Spanja; u

- **għażliet volontarji**, bħalma huma **lotterija globali** jew **għotjiet ta' karità**.

Dawn il-proposti kollha jistħoqqilhom l-attenzjoni, iżda għandhom jitqabblu ma' sett ta' kriterji sabiex ikunu ddeterminati l-aħjar għażliet. Kriterji bħal dawn jistgħu jinkludu: Kemm jirnexxielha ttella' kull proposta? Sa liema punt se jkunu addizzjonali l-fondi? Kemm se jkunu stabbli u jistgħu jitbassru? Liema huma l-impatti tal-kompetittività/settorjali? Liema huma l-iżvantaġġi, eż. spejjeż ta' tnedija u amministrazzjoni eċċ.? Liema proposti jistgħu jimxu 'l quddiem l-aktar malajr? Huwa (kważi) meħtieġ appoġġ universali, jew jistgħu jiġu implimentati l-proposti fuq livell reġjonali, jiġifieri fuq livell ta' l-UE?[11]

L-IFF huwa ddisenjat bħala faċilità temporanja li għandu jippermetti l-antiċipazzjoni ta' l-impennji meħuda f'Monterrey, permezz tal-ħarġa ta' bonds fis-swieq kapitali internazzjonali, appoġġati minn impennji ta' donaturi li jorbtu biex jipprovdu ħlasijiet regolari lill-faċilità. Mhuwiex maħsub biex jipprovdi riżorsi addizzjonali fuq dawk diġà mħabbra f'Monterrey fl-2002, iżda jista' jgħin biex jimla l-ħofra finanzjarja sa l-2015 identifikata jekk għandhom jintlaħqu l-MDGs. Il-Kummissjoni Ewropea temmen li l-proposta ta' l-IFF jistħoqqilha studju bir-reqqa, għalkemm tqajjem xi tħassib u ħafna dettalji għad iridu jiġu ċċarati, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' governanza. Filwaqt li l-idea ta' antiċipazzjoni tħajjar billi jkunu jistgħu jinkisbu riżorsi addizzjonali malajr, il-kapaċità ta' assorbiment tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw tkun teħtieġ li tissaħħaħ f'xenarju bħal dan. Jista' jkun hemm ukoll implikazzjonijiet interġenerazzjonali fil-pajjiżi donaturi u benefiċjarji. L-ispejjeż tal-faċilità jkunu jridu fl-aħħar mill-aħħar jitħallsu minn min iħallas it-taxxi fil-ġejjieni, għalkemm il-proponenti jiddikjaraw li dawn huma maħsuba biex ikunu koperti biż-żieda fl-għajnuna tal-baġits mogħtija b'konformità mal-wegħdiet magħmula f'Monterrey u minn Monterrey 'l hawn. Barra minn hekk, wara l-2015, l-għajnuna baġitarja tad-donaturi IFF tkun tista' tintuża parzjalment biex tħallas lura lill-investituri fil-bonds IFF, b'riskju potenzjali għal volumi mnaqqsa ta' ODA disponibbli għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw. Għadu mhuwiex ċar ukoll x'metodu ta' kontabilità jkun jista' jintuża għall-kontributi tad-donaturi, iżda għall-anqas għall-Istati Membri ta' l-UE huwa importanti li jiġi żgurat li dan ma jxekkilx it-trasparenza fiskali.

Tressqu bosta proposti waqt it-taħditiet ta' dan l-aħħar għal riżorsi addizzjonali ġenwini:

- Taxxi li għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent/l-enerġija u t-trasport, bħat-taxxi fuq it-trasport marittimu, fuq l-avjazzjoni, jew taxxa/imposta fuq is-CO_2;

- Taxxi fuq valuta ta'tranżazzjonijiet finanzjarji, bħat-taxxa Tobin;

- Taxxi li għandhom x'jaqsmu ma' saħħa u ikel, bħat-taxxa fuq l-ammont ta' zokkor fl-ikel;

- Taxxi fuq il-kummerċ ta' l-armi;

---

[11] Il-Karta tal-Ħidma tal-Personal tal-Kummissjoni "Sorsi innovattivi għal finanzjament ta' l-iżvilupp – sommarju ġenerali ta' l-għażliet' jeżamina l-kwisjonijiet l-aktar importanti. (SEG(2005) 467).

- Taxxi fuq il-qligħ ta’ kumpaniji kbar multinazzjonali.

Attivitajiet ta’ karità u **inizjattivi ta’ responsabilità soċjali korporattiva** jistħoqqilhom ukoll l-attenzjoni. Flimkien ma' l-espressjoni ta’ solidarjetà bejn il-ġnus b'mod uniku, dawn l-impriżi jiġġeneraw ammonti sostanzjali ta' flus. Il-Kummissjoni temmen li hawn ukoll jeżisti ambitu wiesa' għall-innovazzjoni: is-settur volontarju nnifsu se jkun meħtieġ jagħti kontribut kbir, bħal pereżempju bl-użu tat-teknoloġija ta' l-internet biex tittejjeb is-solidarjetà, iżda l-Kummissjoni u l-Gvernijiet ta' l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li jgħinu permezz ta' **inċentivi ta' taxxa** għal għotjiet ta' karità, **ġemellaġġi**, jew permezz ta' appoġġ għall-għaqda ta' sorsi volontarji, bħalma hija **lotterija globali.**

Ikunu liema jkunu l-għażliet li jitwettqu, sew jekk huma minn sorsi tradizzjonali kif ukoll minn sorsi innovattivi, għandhom ikunu disponibbli flussi miżjuda ta' ODA. Biex ikun żgurat li dawn ir-riżorsi miżjuda jappoġġaw l-isforzi tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw biex jilħqu l-MDG bl-aktar mod effettiv, għandhom jitfasslu **modalitajiet ġodda ta' għajnuna**, li jistgħu jitbassru aktar u li huma aktar stabbli. Modalitajiet attwali ta' għajnuna ma jipprovdux il-flessibilità u t-tbassir tal-flussi ta' l-għajnuna li l-pajjiżi msieħba jeħtieġu biex jidħlu għal investimenti fit-terminu medju, meħtieġa biex jitħaffef il-progress lejn l-MDG.

Kull strument finanzjarju li jeżisti għandu l-merti tiegħu: il-proġetti jistgħu jinvolvu atturi mhux governattivi, u fuq skala akbar appoġġ għall-baġit jipprovdi finanzjament flessibbli skond il-prijoritajiet nazzjonali. Madankollu l-ebda wieħed minnhom ma jipprovdi l-aħjar kombinazzjoni ta' tbassir u ta’ flessibilità fit-terminu medju biex jiffinanzja l-ispejjeż rikorrenti. Għalkemm l-għajnuna għall-ħlas tad-dejn tilħaq dawn il-kriterji, tista tirriżulta f'allokazzjonijiet ħżiena ta' riżorsi. Għalhekk, jeħtieġu modalitajiet ġodda b'appoġġ għar-riformi meħtieġa għall-kisba ta' l-MDG. Pajjiżi li jiddependu ħafna mill-għajnuna għandhom ikunu leġibbli għal modalitajiet ġodda bħal dawn. Kellhom juru l-impenn tagħhom fit-tnaqqis tal-faqar permezz ta’ l-implimentazzjoni ta’ strateġija li tnaqqas il-faqar u ta’ sistema kredibbli tas-sorveljanza tar-riżultati. Għandu jkollhom l-istabbiltà ekonomika meħtieġa u għandhom juru progress fil-finanzi pubbliċi u fl-iggvernar.

Diversi mekkaniżmi jistgħu jinħasbu biex jiżguraw tbassir suffiċjenti filwaqt li d-donaturi jkunu jistgħu jadattaw aktar il-livell ta' l-impennji tagħhom fuq bażi ta' rendiment: appoġġ garantit għal perjodu minn tlieta sa ħames snin, b'evalwazzjoni f'nofs il-perjodu li tiddefinixxi l-livell ta' appoġġ għall-perjodu li jmiss; kuntratti fuq perjodu ta' għaxar snin li jiżguraw livell minimu ta' għajnuna; impenn kontinwu ta' tliet snin, eċċ. Il-vjolazzjoni ta' l-"elementi essenzjali" taħt it-termini tas-sħubija u l-ftehim ta' kooperazzjoni (eż. vjolazzjoni serja tad-drittijiet tal-bniedem) ikunu jistgħu jwasslu għas-sospensjoni tal-programmi.

Dawn il-proposti għandhom jiġu diskussi mal-pajjiżi sħab fuq livell tekniku u politiku. Għandhom ikunu disponibbli biżżejjed sorsi flessibbli u stabbli ta' finanzi biex dawn il-modalitajiet innovattivi jkunu jistgħu jiġu implimentati.

Fir-rigward ta' pajjiżi li qed iħabbtu wiċċhom ma skossi esterni, għandhom jitqiesu aktar fil-fond il-mekkaniżmi ta' l-għajnuna temporanja għall-ħlas tad-dejn.

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill biex jaqbel li:

- jgħaġġel ix-xogħol fuq l-aktar għażliet li jidhru tajba għal sorsi innovattivi supplimentari ta' finanzjament;

- jesplora kemm hemm lok għal **inizjattiva Ewropea** biex ikunu żviluppati modalitajiet ġodda ta' għajnuna, li jistgħu jitbassru aħjar u li huma aktar stabbli;

- jistudja proposti innovattivi fil-fond b'appoġġ għal inizjattivi privati (korporattivi u ta' karità).

8. RIFORMA TAS-SISTEMA INTERNAZZJONALI TA' FINANZJAMENT

Is-superviżjoni effettiva tal-progress fuq dan l-"impenn ta' Barċellona mill-UE" speċifiku huwa diffiċli minħabba n-natura ġenerali u kumplessa tal-proġett, li jeħtieġ sforzi fit-tul biex jinkiseb il-progress. L-iżvilupp ta' qagħda konġunta ta' l-UE madankollu jidher li huwa kruċjali fil-mixja lejn it-twettiq ta' l-impenn ta' Monterrey biex il-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw ikunu jistgħu jieħdu r-riedni aktar f'idejhom fir-rigward tal-ġejjieni tagħhom. L-Istati Membri ta' l-UE esprimew sodisfazzjon ġenerali bil-koordinazzjoni informali mtejba ta' l-UE bejn id-Diretturi Eżekuttivi ta' l-UE ta' l-IMF u tal-Bank Dinji f'Washington matul l-aħħar ftit snin - fil-forma ta' laqgħat ta' koordinazzjoni regolari li magħhom hija assoċjata l-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (EFC) stabbilixxa sotto-kumitat speċjali (SCIMF) biex jikkoordina l-qagħda ta' l-UE dwar l-IMF u l-kwistjonijiet marbuta miegħu. Din it-tip ta' kollaborazzjoni ta' l-UE għandha tiġi estiża wkoll għall-Banek Reġjonali ta' l-Iżvilupp, fejn kollettivament, l-UE għandha ishma sinifikanti.

Madankollu, hemm aktar x'isir. Diversi Stati Membri esprimew ix-xewqa li jmorru lil hinn minn dan (eż. qsim aqwa ta' l-informazzjoni, strateġija aktar armoniżżata).

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill biex:

- jaqbel li jippreżenta sikwit kemm jista' jkun **pożizzjoni Ewropea unika fl-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali (IFIs),** biex jittejbu l-viżibbiltà u l-influwenza (jew il-leħen) ta' l-Unjoni Ewropea fl-IFIs;

- jiżviluppa **pożizzjoni konġunta ta' l-UE dwar it-tisħiħ ta' leħen** il-pajjiżi li qegħdin jiżiluppaw u li qegħdin fi transizzjoni, fit-teħid tad-deċiżjonijiet fl-ekonomija internazzjonali.

9. GĦAJNUNA GĦALL-ĦLAS TAD-DEJN

L-UE miexja fit-triq it-tajba fl-appoġġ tagħha għall-implimentazzjoni ta' l-inizjattiva estiża tal-HIPC u qiegħda tagħti riżultati sodisfaċenti fir-rigward ta' dan l-impenn. L-Istati Membri l-ġodda qegħdin jagħmlu l-kontribut meħtieġ lill-HIPC bħala kredituri, u xi ftit minnhom taw għotja lill-Fond Fiduċjarju tal-HIPC. Il-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri huma impenjati li jmorri lil hinn mill-ħtiġijiet ta' l-iskema HIPC, billi jipprovdu l-100% ta' l-għajnuna għall-ħlas tad-dejn fuq it-talbiet ta' qabel id-data tal-waqfien.

Madankollu, tħassib ewlieni fir-rigward tas-sitwazzjoni tad-dejn ta' pajjiżi foqra jibqgħu u jeħtieġu aktar studju[12] u azzjoni. Fit-terminu l-qasir, il-**finanzjament globali ta' l-inizjattiva**

[12] Ara l-istudju ffinanzjat mill-KE "Lil hinn mill-Inizjattiva HIPC" ta' Marzu 2004: http://www.europa.eu.int/comm/development/body/theme/hipc/docs/Beyond_HIPC_en.pdf#zoom=100.

HIPC m'huwiex żgurat fis-sħiħ sakemm krediturі li mhumiex parti mill-"Paris Club" ma jwasslux il-parti tagħhom ta' għajnuna għall-ħlas tad-dejn. Qed jidher kunsens li **l-inizjattiva HIPC mhijiex se tkun biżżejjed biex ikunu żgurati livelli sostenibbli ta' dejn għall-pajjiżi foqra fit-tul,** minkejja diversi estensjonijiet. Membri tal-G7 qablu dwar il-prinċipju tat-tneħħija possibbilment kompleta tad-dejn multilaterali[13].

L-isforzi għalhekk issa għandhom jikkonċentraw fuq l-iżvilupp ta' strateġiji li jħarsu 'l quddiem biex ikunu indirizzat l-kwistjonijiet rilevanti:

- Il-kanċellazzjoni tad-dejn tal-HIPC, minkejja li ġiet ikkritikata, kienet l-aktar strateġija innovattiva f'termini ta' trasferimenti ta' għajnuna u spejjeż marbuta mat-tranżazzjonijiet. Iżda l-ħtiġijiet finanzjarji jmorru ħafna iżjed lil hinn mill-kanċellazzjoni tad-dejn. Minbarra dan, il-kanċellazzjoni tad-dejn hija strument ħażin f'termini tal-kriterji ta' l-allokazzjoni ta' l-għajnuna, għaliex il-pajjiżi li l-aktar għandhom dejn la huma l-ifqar, la huma dawk li qed jitmexxew bl-aħjar mod, u lanqas ma huma dawk bl-ikbar ħtiġijiet.

- Diversi **pajjiżi,** il-biċċa l-kbira **f'sitwazzjonijiet ta' wara l-gwerra**, xorta waħda jistgħu jibqgħu esklużi mill-inizjattiva HIPC. Ħafna Stati Membri jaqblu li dan il-prospett huwa inkwetanti, iżda ma għandhom l-ebda opinjoni koerenti dwar soluzzjonijiet possibbli.

- Analiżi dettaljata tiżvela li **ċerti pajjiżi, ukoll wara li jkunu ggradwaw mill-HIPC se jibqgħu fi jew se jerġgħu lura għal sitwazzjonijiet ta' dejn kbir**. Il-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri jaqblu ma' jew ma marrux kontra l-provvista ta' għajnuna addizzjonali għall-ħlas tad-dejn iżda għandhom opinjonijiet diverġenti dwar kif din għandha titwassal.

- Hemm qbil ġenerali fl-UE li l-qafas, żviluppat mill-IMF/WB, li jħares 'il quddiem u li huwa sod għall-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn (DSA), għal pajjiżi bi dħul baxx, u applikazzjoni stretta tiegħu, huma kruċjali biex ikunu indirizzati l-problemi msemmija qabel.

- Il-qafas DSA jenfasizza wkoll ir-relazzjoni mill-qrib bejn is-sostenibbiltà tad-dejn u d-dgħufija fir-rigward ta' l-iskossi esterni, u l-Kummissjoni qed tinvestiga b'mod attiv strumenti biex tgħin lill-pajjiżi milquta minn skossi eżoġeni.

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill biex:

- jappoġġa - lil hinn mill-implimentazzjoni ta' l-inizjattiva estiża tal-HIPC - il-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' **possibilitajiet alternattivi magħmula apposta** għal dawk il-pajjiżi li għadhom ħerġin mill-ġlied, b'arretrati esterni konsiderevoli, li ma kinux se jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-inizjattiva tal-HIPC, **biex jindirizzaw aħjar il-problema ta' istituzzjonijiet fraġli u l-biċċa l-kbira tad-dejn f'arretrati;**

[13] Konklużjonijiet tal-Ministri tal-Finanzi tal-G7 dwar l-Iżvilupp, Londra, 5 ta' Frar, 2005.

- jesplora il-possibilità ta' l-użu ta' faċilità ta' servizz termporanju ta' ħlas tad-dejn, fost strumenti oħrajn, biex jittaffew l-effetti ta' **skossi eżoġeni** fil-pajjiżi b'dejn kbir.

10. KONKLUŻJONIJIET

L-UE miexja fit-triq it-tajba fit-twassil tal-biċċa l-kbira ta' l-"Impennji ta' Barċellona". L-HLE tan-NU f'Settembru 2005 se tiffoka fuq kif jista' jitħaffef il-progress lejn il-kisba ta' l-MDGs, speċjalment fl-Afrika. Dan jisfida lill-UE mkabbra biex turi għal darb'oħra l-impenn tagħha li tindirizza l-isfida FfD permezz ta' impennji msaħħa ta' l-UE. Bil-proposti inklużi f'dan id-dokument, il-Kummissjoni bi ħsiebha tagħti bidu għal taħdita bil-ħsieb li jkun stabbilit sett ġdid ta' impennji u biex jintlaħaq ftehim dwar l-impennji tat-tip "Barċellona II". Filwaqt li din il-Komunikazzjoni tiffoka fuq l-għodod għal FfD imtejjeb, il-Komunikazzjoni dwar il-Koerenza tal-Politika[14] tipproponi miżuri oħra ta' politika li wieħed jista' jidħol għalihom għall-appoġġ fil-kisba ta' l-MDGs.

[14] KUMM(2005) 134.

Annex 1

Summary March 14, 2002: Council Conclusions on the International Conference on Financing for Development (Monterrey, Mexico, 18-22 March 2002)

The Council of the European Union:

"1. Considering that the International Conference on Financing for Development represents an historic opportunity to make progress towards the achievement of the Millennium Development Goals for poverty reduction and the other internationally agreed development targets in a holistic manner.

2. Recalling the need for all international partners to reach the UN goal of 0.7% ODA/GNI and the European Council Presidency Conclusions in Gothenburg and Laeken, and recognizing that mobilizing international private and public resources for sustainable development is essential, that resources would need to be increased in order to reach the Millennium Development Goals, including according to World Bank estimates a doubling of ODA;

3. Stressing that the Conference should be based on a spirit of strengthened partnership in which developing countries take primary responsibility for their own development, ensuring democracy, human rights and the rule of law, while developed countries actively support them, thus contributing to the "global deal" that will be discussed at the Johannesburg Summit

4. Recognizing that the issue of aid effectiveness both by donors and recipients must be adequately addressed to ensure that increased ODA flows have a positive impact on development, and resources go effectively and efficiently to fighting poverty and reducing inequality.

5. Stressing that developing countries have primary responsibility to create a sound macroeconomic environment, an appropriate framework for investments and guarantee that funds received are properly and effectively managed, engaging themselves to ensure good governance, achieve high standards of transparency and eliminate corruption.

6. Recalling the importance to development financing of the Doha Development Agenda, which should address the specific concerns and priorities of developing countries, allowing them to realize the full benefits of participation in the world economy.

7. And thus, in order to achieve a successful outcome of the Conference, the Council stresses the value of the Monterrey Consensus, and affirms its willingness to make **the following commitments;**

a) In pursuance of the undertaking to examine the means and timeframe that will allow each of the Member States to reach the UN goal of 0.7% ODA/GNI, those Member States that have not yet reached the 0.7% target commit themselves - as a first significant step - individually to increasing their ODA volume in the next four years within their respective budget allocation processes, whilst the other Member States renew their efforts to remain above the target of 0.7% ODA, so that collectively an EU average of 0.39% is reached by 2006. In view of this goal, all the EU Member States will in any case strive to reach, within their respective budget allocation processes, at least 0.33% ODA/GNI by 2006.

b) To take concrete steps on coordination of policies and harmonization procedures before 2004, both at EC and Member States level, in line with internationally agreed best practices including by implementing recommendations from the OECD Development Assistance Committee Task Force on donor practice.

c) To implement the DAC recommendation on untying of aid to Least Developed Countries and continue discussions in view of further untying. The EU will also consider steps towards further untying of Community aid while maintaining the existing system of price preferences of the EU-ACP framework.

d) To increase assistance for long-term trade-related capacity building, productive capacity and measures addressing supply-side constraints in developing countries, as well as to provide immediate support for trade-related technical assistance in order to improve the negotiating capacity of developing countries in trade negotiations, including by commitments made at the WTO pledging Conference in Geneva on 11 March 2002.

e) To further work towards a participatory process at the global level, including the proposal of setting up a task force open to all actors on a temporary basis, designed to lead to the identification of relevant Global Public Goods.

f) To further explore innovative sources of financing and taking into account the conclusions of the Commission Globalization Report.

g) To influence the reform of the International Financial System by combating abuses of financial globalization, strengthening the voice of developing countries in international economic decision-making, and, while respecting their respective roles, enhancing the coherence between the UN, International Financial Institutions and WTO.

h) To pursue its efforts to restore debt sustainability in the context of the enhanced HIPC initiative, so that developing countries, and especially the poorest ones, can pursue growth and development unconstrained by unsustainable debt dynamics."

Website link: http://europa-eu-un.org/articles/en/article_1222_en.htm

Annex 2

Extract of the Conclusions of the General Affairs and External Relations Council of 22-23 November 2004 on the report of the Ad Hoc Working Party on Harmonisation:

RECALLING:

The Commission Communication of 5 March 2004 on 3translating the Monterrey Consensus into practice: the contribution by the European Union"[15];

Its Conclusions of 27 April 2004[16], which called for the establishment of an Ad-Hoc Working Party of the Council consisting of experts on Harmonisation (AHWPH), in order to examine in detail the Commission recommendations contained in the Commission Communication and other relevant proposals with a view to translating the Barcelona Commitment II into practice;

The decision adopted by the COREPER establishing the AHWPH and setting up its mandate[17];

That the Working Party was invited to report back to Council no later than November 2004, with a view to adoption by the Council of an EU Action Plan for Coordination and Harmonisation for submission to the Second High Level Forum on Harmonisation and Alignment for Aid Effectiveness to be held in Paris in 2005;

THE COUNCIL,

NOTING that the COREPER, on 18 November 2004 agreed on the Report presented by the AHWPH;

ENDORSES the report of the Ad-Hoc Working Party on Harmonisation entitled "Advancing Coordination, Harmonisation and Alignment: the contribution of the European Union";

INVITES the relevant Council bodies to continue the work for preparing the participation of the EU to the Second High Level Forum on Harmonisation and Alignment for Aid Effectiveness to be held in Paris in 2005;

REAFFIRMS its intention to monitor regularly the further progress made with the view to translating the Barcelona Commitment II into practice.

---

15 Doc. 7108/04 - COM(2004) 150.
16 Doc. 8973/04.
17 Doc. 9188/04.